



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 15 ta' Ġunju 2009(17.06)
(OR.en)**

10814/09

**Fajl Interistituzzjonali:
2007/0195 (COD)**

**CODEC 813
ENER 217**

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: COREPER/KUNSILL

Nru prop. 13043/07 ENER 221 CODEC 948

Cion:

Suġġett: Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/54/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku **[it-tieni qari]**

- Approvazzjoni tal-emendi tal-Parlament Ewropew (AL + D)

1. Fil-25 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni għaddiet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹, ibbażata fuq l-Artikolu 47 (2), u l-Artikoli 55 u 95 tat-TKE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-22 ta' April 2008². Il-Kumitat tar-Regġuni ta l-opinjoni tiegħu fl-10 ta' April 2008³.
3. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-18 ta' Ġunju 2008⁴, fejn adotta 156 emenda għall-proposta tal-Kummissjoni.
4. Fid-9 ta' Jannar 2009, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni komuni tiegħu⁵ u għaddiha, flimkien mad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, lill-Parlament Ewropew.

¹ dok. 13043/07.

² ĠU C 211, 19/08/2008, p. 23.

³ ĠU C 172, 05/07/2008, p. 55.

⁴ dok. 10766/08.

⁵ dok. 14539/08.

5. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-dikjarazzjoni komuni dwar il-arranġamenti prattiċi tal-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru xi kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni sabiex jintlaħaq qbil fit-tieni qari.
6. Waqt il-laqgħa tiegħu tat-22 ta' April 2008, il-Parlament ivvota, fit-tieni qari, 31 emenda għall-pożizzjoni komuni. Dawn l-emendi jirriflettu l-ftehim ta' compromess milħuq bejn it-tliet Istituzzjonijiet u għalhekk għandhom ikunu aċċettabbli għall-Kunsill².
7. Il-Kummissjoni tat l-opinjoni tagħha dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew fit-22 ta' April 2009.
8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden biex jikkonferma l-qbil tiegħu dwar l-emendi kollha u jissuġġerixxi lill-Kunsill:
- japprova, bħala punt "A" tal-minuti ta' waħda mil-laqgħat li ġejjin, l-emendi tal-Parlament Ewropew li jinsabu fid-dokument 8867/09, hekk kif jidhru, wara r-reviżjoni tal-ġuristi-lingwisti, fid-dokument PE-CONS 3648/09;
 - jiddeċiedi li jdaħħal fil-minuti għal din il-laqgħa d-dikjarazzjoni li tinsab fl-addendum għal din in-nota.
9. Bħala riżultat tal-approvazzjoni tal-emendi kollha tal-Parlament Ewropew mill-Kunsill, id-Direttiva hija meqjusa bħala adottata fil-forma tal-pożizzjoni komuni hekk emendata, f'konformità mal-Artikolu 251(3) tat-Trattat KE.

B'segwitu għall-iffirmar tal-att leġislattiv mill-President tal-Parlament Ewropew, mill-President tal-Kunsill kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet, l-att leġislattiv għandu jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

¹ ĠU C 145, 30/06/2007, p. 5.

² dok. 8867/09.